***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-kontinwazzjoni tal-mitejn u ħamsa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv qara żewg ittri li rċieva mingħand il-Viċi Sindku u Dr J. Abela fejn talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva li jiġu skużati.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Punti li joħorġu mill-Minuti

3.1 Proġett tas-Suq

- Is-Sindku spjega li l-bini tal-parkeġġ wasal sal-livell tat-triq. Huwa żied jgħid li sa llum il-*Contracts Manager* u l-Perit tal-Kunsill għadhom ma lestewx it-*Tender Document* għall-aħħar faż tal-proġett li jinvolvu l-*finishings*. Il-Kunsill kien qed jippretendi li jkollu kopja tat-*Tender* lesta għal-laqgħa ta' llum. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb uffiċjalment lill-*Contracts Manager* u l-Perit tal-Kunsill biex jiġu nfurmati bl-urġenza tal-ħruġ tal-offerti minħabba li l-Kunsill ma jistax jibqa' jopera mill-uffiċċju preżenti wara Diċembru 2010.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-parir li ngħata minn persuna profesjonist fil-qasam tal-bini kien li t-*Tender* tal-*finishings* tinħareġ *turnkey*. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qabel li t-*Tender* tinħareġ *turnkey*.

- Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur kien qed jitlob li jitħallas *retention money* li nżamm għax-xogħol tat-tħaffir tal-proġett. Il-Perit tal-Kuntrattur issuġġerixxa li l-Kunsill iżomm €7,000.00 biex ikopri l-ispejjeż tal-ħsarat li ġarbu residenzi fil-viċinanza tal-proġett. Il-Kunsill iddeċieda li r-retention money ma jingħatax lill-Kuntrattur sakemm il-Kunsill ma jkunx sodisfatt li ġew solvuti it-talbiet pendenti ta' ħsarat lil terzi.

3.2 Ġemellaġġ ma' Carpineto Romano

Il-Kunsill gie nfurmat li l-Comune di Carpineto Romano se jipproċedu bl-applikazzjoni biex isir proġett f'Ottubru 2010 fejn 150 parteċipant mill-Ħamrun jorganizza attivita' kulturali f'Carpineto Romano. Il-Kunsill talab li jingħata assigurazzjoni li jkun hemm akkomodazzjoni xierqa għal 150 parteċipant li ser jinkluda raprezentanza mill-ist Hamrun Scout Group, Hamrun Spartans, Civic Club, Hamrun Liberty S.C u In Guardia. Il-parteċipanti jkunu responsabbli biss għall-ħlas tal-passaġġ tal-ajru tagħhom.

3.3 Poster – Użu tal-arloġġ

Is-Sur C. Valletta ippreżenta waħda mill-*posters* li ser jitqassmu fil-ħwienet tal-Ħamrun bl-informazzjoni dwar l-obligu tal-użu tal-arloġġ. Huwa ssuġġerixxa li tiġi mniedija Kampanja Informattiva biex tippromwovi l-Ħamrun bħala Lokal Kummerċjali li tinkludi l-istampar ta' *Business Directory* tal-Ħamrun u informazzjoni dwar negozji fuq il-*Website*. Huwa spjega li jkun jixraq li ssir Konferenza Stampa fejn għandhom jiġu mistiedna s-Segretarji Parlamentari Dr Jason Azzopardi u Dr Chris Said. Is-Sindku ssuġġerixxa li jattendi ukoll Dr Stefan Buontempo. Ġie deċiż li din il-konferenza ssir f'Mejju bħala parti mill-programm ta' attivitajiet għal Jum il-Ħamrun.

3.4 Triq Lord Byron

Il-Kunsill irċieva rapport mill-*Contracts Manager* fejn spjega li l-bankina u t-triq ta' Triq Lord Byron huma konformi mal-i*standards* maħruġa minn Transport Malta. Huwa żied jgħid li l-bankina baqgħet l-istess. Il-Kunsill ingħata parir mill-Koptasin biex il-wisa' tal-parking bays eżistenti jinżel minn 2.00m għal 1.80m sabiex jiżdied il-wisa' tal-karreġġata. Ġie nnutat ukoll li biex triq tibqa' two–way bil-parkeġġ fuq iż-żewg naħat, it-triq tkun 8.00 metri wisa'. Ġie deċiż li jitkejjel il-wisa' tat-triq f'erba' postijiet differenti.

3.5 Ġnien Oreste Kirkop

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-installazjoni ta' CCTV *Camera* u l-*monitoring* tiegħu jiswew madwar €20.00 kuljum. Il-Kunsill iddeċieda li ma jkunx vijabbli li ssir CCTV Camera fil-ġnien.

Il-Kunsill approva li jixtri s-siġar mill-ELC għal ħlas ta' €2,267. Dan il-prezz jinkludi 10% skont.

Ġie deċiż li l-ftuħ uffiċċjali tal-Ġnien isir fil-bidu ta' Mejju 2010 bħala parti mill-programm ta' attivitajiet għal Jum il-Ħamrun.

Ġie deċiż li ssir laqgħa bejn il-Kunsilliera nhar it-Tnejn 19 ta' April 2010 fis-6.00pm biex jiġi diskuss il-programm tal-Inawgurazzjoni.

3.6 Attivita' tal-Karnival fil-Hamrun

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Soċjeta Mużikali San Ġużepp fejn resqu ilment dwar l-attivita` tal-Karnival. Huma jħossu li l-attivita` tal-Karnival kienet konċentrata bejn Triq id-Duka ta' Edinburgh u Triq Dun Nerik Cordina Perez. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lis-Soċjeta u jispjega li n-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' baned affetwa l-program tal-attivita u li għas-sena d-dieħla ser naħdmu biex ma' jiġrix bħalma ġara din is-sena.

3.7 Żjara tal-Papa

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Gvern aċċetta li jħallas lill-Kunsill il-ħlas ta' €2,800 biex ikopri x-xogħol ta' *road markings* fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill mhux ser jingħata fondi għall-*patching* peress li dan diġa` sar.

3.8 Liċeo tas-Subien, Ħamrun – Maratona bir-Roti

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sinjura J. Bugeja żar it-*track* tal-Liċeo fejn irriżulta li l-istess *track* teħtieġ manutenzjoni kbira li tinvolvi ħafna spejjeż.

3.9 Donazzjoni ta' kotba lit-tfal tal-Kindergarden

Il-Kunsill ġie nfurmat mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li bl-emendi li saru fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali issa hi projbita kull forma ta' donazzjoni kemm fi flus kif ukoll f'oġġetti oħra. Ġie deċiż li l-Kap ta' l-Iskola Primarja Kulleġġ San Ġorġ Preca jiġi nfurmat f'dan ir-rigward.

## 4. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn il-25 ta' Frar u d-29 ta' Marzu 2010.

*4.1 Sur Engelbert Muscat – Un/Loading Bay*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Muscat fejn talab *Un/Loading Bay* quddiem il-ħanut tiegħu *United Ironmongery* fi Triq Qormi. Ġie nnotat li dan il-ħanut mhux fil-konfini tal-Ħamrun.

*4.2 Sinjura Doreen Turner Bilocca – Ħsarat fil-propjeta`*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjura Turner Bilocca fejn allegat li l-propjeta` tagħha fi Triq id-Duka ta' Edinburgh ġarbet ħsarat waqt ix-xogħol ta' tħaffir fis-sit tas-Suq. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rrefera l-ittra lill-Perit tal-Kuntrattur u lill-Perit tal-Kunsill.

*4.3 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Attivita` tal-Ġimgħa Mqaddsa*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni fejn talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jiġu organizzati attivitajiet għall-Ġimgħa Mqaddsa.

L-ispiża kollha ma taqbisx aktar minn €650.00. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Għaqda li minħabba raġunijiet finanzjarja ma jistax jikkontribwixxu għal dawn l-attivitajiet.

*4.4 Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery – Trasport*

Il-Kunsill irċieva kontijiet għat-trasport tat-tfal tan-Nursery li jeċċedu l-€1,000. Il-Kunsill iddeċieda li jħallas biss sal-valur ta' €1,000. Fid-dawl tal-emendi li saru fl-Att tal-Kunsilli Lokali, ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery fejn jiġu nfurmati li l-Kunsill ma jistax jibqa' jħallas it-trasport għat-tfal minn Jannar 2010.

4.5 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Laqgħat informattivi dwar Televiżjoni Diġitali

Il-*Malta Communications Authority* talbet biex tuża l-Uffiċini tal-Kunsilli Lokali biex jospitaw laqgħat informattivi dwar il-bidla lejn t-televiżjoni diġitali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tintuża s-Sala tal-Kunsilli.

*4.6 Diviżjoni għall-Ippjanar – Priority Axis 2 "Promoting Lifelong Learning"*

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Diviżjoni għall-Ippjanar u Kordinazzjoni tal-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approvat l-applikazzjoni tal-proġett tal-Kunsill *"Promoting Lifelong Learning amongst Civil Society Organisations' Voluntary Staff"*. Il-proġett li ser jiġu finanzjati taħt il-ħames sejha tal-ESF ser jiswa €25,700.00. Is-Sur A. Ellul spjega f'hiex jikkonsisti l-proġett.

*4.7 Kunsill Lokali Pembroke – Konferenza ECAD*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna biex is-Sindku u Kunsillier jattendu għall-Konferenza ECAD li ser issir f'Għawdex bejn it-22 u l-24 t'April 2010. Minħabba mpenji oħra, mhux ser ikun possibbli li rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Ħamrun jattendu l-konferenza.

*4.8 Sur Malcolm Scicluna – Ħmieġ tal-Klieb*

Il-Kunsill irċieva ilment mis-Sur Scicluna dwar ħmieġ tal-klieb fi Triq Dun Frans Camilleri. Ġie deċiż li malli jidħlu fis-seħħ il-Gwardjani tal-Ambjent jibdew isiru *patrols* f'din it-triq.

*4.9 Sinjura Frances Attard – Parkeġġ quddiem il-garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjura Attard fejn tablet biex jitneħħa l-*parking bay* quddiem il-garaxx li fetħet bil-permess tal-MEPA fi 31, Triq Eldorado, Ħamrun. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*4.10 Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ – Xogħol fil-Komunita'*

Il-Korporazzjoni nfurmat lill-Kunsill li li estendiet l-iskema ta' 'Xogħol fil-Komunita' għal sitt xhur oħra.

*4.11 Transport Malta – Road Humps fi Triq Kanonku Bonniċi*

Transport Malta infurmat lill-Kunsill li fi Triq Kanonku Bonniċi hemm approvazzjoni għal żewġ *sleeping policeman*, waħda quddiem ir-residenza 'Kong' u oħra fil-viċinanza ta' Triq

Villambrosa. Ġie nnutat li l-Manager il-ġdida tad-Direttorat tal-Maniġġ tat-Traffiku ma sabitx it-talba oriġinai tal-Kunsill għal *sleeping policeman* fil-viċinanza ta' Triq Barth.

Ġie deċiż li terġa' issir talba f'dan ir-rigward.

*4.12 Transport Malta – Sleeping Policeman fi Triq Farsons*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta ma sabet l-ebda approvazzjoni għall-*sleeping policeman* fi Triq Farsons.

Il-Kunsill iddeċieda li ssir talba għall-tlett sleeping policeman fi Triq Farsons.

*4.13 Sur Martin Frendo – Double Yellow Line faċċata tal-garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Frendo fejn talab biex isiru *double yellow lines* fi Triq San Franġisk faċċata tal-garaxx li għandu li jinsab quddiem l-iskola tas-Sorijiet.

Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi t-talba lit-Transport Malta.

*4.14 Sur Joseph Buġeja – Attivita` fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivita` li ser tiġi organizzata mis-Sur Buġeja għan-nom tal-Ħamrun Liberty S.C ser issir fi Triq il-Kbira San Ġużepp is-Sibt 4 ta' Settembru 2010. Sabiex jintrama l-palk jeħtieġ li Triq il-Kbira San Ġużepp tingħalaq mill-Ħamis 2 ta' Settembru 2010.

Ġie deċiż li l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa jiġi diskuss mal-Pulizija.

*4.15 Kunsill Malta għall-Isport – Użu ta' faċilitajiet sportivi*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill Malti għall-Isport iffirma kuntratt ma' Ħamrun Spartans F.C biex il-kumpless Sportivi tal-Ħamrun Spartans għadda b'ċens f'idejn il-Ħamrun Spartans Football Club.

Permezz tal-ftehim, il-Kunsill Malti għall-Isport għandu d-dritt li jagħmel użu mill-faċilitajiet mingħajr ħlas għal mitejn siegħa fis-sena. Il-Kunsill Malti għall-Isport informa lill-Kunsill li l-istess Kunsill Lokali Ħamrun jista' jibbenefika minn dan il-ftehim.

*4.16 Transport Malta – U-Bars fil-Ħamrun*

Transport Malta infurmat lill-Kunsill li l-ħadid fi Triq il-Vitorja u Triq Dun Edgar Vella jistgħu jibqgħu mwaħħlin iżda jridu jitneħħew il-ħadid kollu li hemm fi Triq Anton Buttiġieġ.

*4.17 TCTC – E-Councils*

Il-Kumpanija TCTC ser torganizza korsijiet speċjali għall-Kunsilliera u Staff tal-Kunsilli Lokali. Il-ħlas huwa ta' €1,100 li nofsu ser jiġi ssusidjat mill-Gvern. Dawk il-Kunsilliera interessati għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

*4.18 Dipartiment għall-Gvern Lokali - Preżentazzjoni tal-Ktieb "Il-Ktieb Pass il-Bogħod Minnek"*

Is-Sindki u l-Kunsilliera responsabbli mill-Edukazzjoni ġew mistiedna għall-preżentazzjoni tal-Ktieb "Il-Ktieb Pass il-Bogħod Minnek" li ser isir nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010 fil-11.30am ġewwa l-Librerija Nazzjonali l-Belt.

*4.19 Transport Malta – Blue Sticker Badge Holders Parking Bay*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta irċeviet talba biex issir *Communal Parking Bay for Blue Sticker Holders* fi Triq il-Kappillan Mifsud fil-viċinanza ta' *'Chick King Take Away'*.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*4.20 Transport Malta – Motor Cycle Bay fi Triq Mile End, Ħamrun*

Transport Malta kitbet lill-Kunsill fejn talbet li titneħħa Motor Cycle Bay li hemm fi Triq Mile End quddiem residenza 'Opal' Numru 51 u minflok jinżebagħ 1 *metre double yellow lines* fuq il-ġnub tal-garaxx biex ikunu jistgħu jimmanuvraw il-vetturi huma u deħlin u ħergin mill-garaxx.

*4.21 TCTC – Korsijiet E-Tfal*

Il-Kunsill ġie nfurmat li TCTC ser terġa' torganizza l-kors E-Tfal għat-tfal bejn il-5 u l-10 snin. Il-Kunsill iddeċieda li din is-sena jerġa' jorganizza korsijiet tal-kompjuter mal-Kumpanija MICS.

*4.22 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li ntlaħaq ftehim mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar ħlas tax-xogħol ta' *permanent reinstatement* li wettqu l-Kunsilli Lokali għall-istess Korporazzjoni. Ġie mifthiem li l-ħlas lura ser issir fuq perjodu ta' 3 snin.

## 5. Rapporti tas-Sotto Kumitati

*5.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sindki tal-lokalitajiet li jaqgħu taħt id-Distrett tal-Pulizija tal-Ħamrun kellhom laqgħa ta' introduzzjoni mal-Assistent Kummissarju Raymond Zammit u s-Supretendent tal-Ħamrun s-Sur Carmel Magri.

*5.2 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-Professur Axiak aċċetta li jagħmel l-istudju relatat mal-qasam tal-Ambjent għar-rapport dwar żvilupp sostennibli għall-Ħamrun. Huwa spjega li l-Kunsill jeħtieġ jagħmel tlett *surveys* bit-telefon mar-residenti tal-Ħamrun. Il-ħlas mitlub mill-N.S.O għal kull survey huwa dak ta' €4300 + VAT.

Il-Kunsill approva unanimament li jqabbad lill-N.S.O biex jagħmlu s-Surveys meħtieġa.

- Is-Sur C. Valletta spjega li l-konferenza fi Dunkerque ser ikun ta' benefiċċju għat-tfassil tar-rapport dwar Żvilupp Sostennibli għall-Ħamrun. Is-Sindku ssuġġerixxa li hu flimkien mas-Sur C. Valletta jattendu għall-konferenza.

  Il-Kunsill approva li jattendu s-Sindku u s-Sur C. Valletta jekk il-finanzi allokati biex jitħejja r-rapport jippermettu. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-konsulenti biex jintalbu jinformaw lill-Kunsill il-ħlas dovut għas-servizzi tagħhom.

*5.3 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana fakkar lill-Kunsilliera li l-artiklu għall-ġurnal tal-Kunsill irid jasal mill-aktar fis possibli sabiex il-ħarġa li jmiss jiġi ppubblikat f'Mejju.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-*Management* taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum aċċetta li jsiru laqgħat informattivi relatati mas-Saħħa għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ġewwa ċ-ċentru stess.

*5.4 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li tqassmu ċ-ċertfikati lil dawk il-persuni li attendew il-kors tal-kompjuter u tal-arti kif ukoll dawk li pparteċipaw fil-wirja.

- Is-Sinjura C. Borg ssuġġerit li l-Wirja Ħidmet il-Ħamruniżi tibda ssir darba fis-sena waqt il-Festival taċ-Ċikkulata. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat qed iħejji ħarġa għall-Ġimgħa l-Kbira u oħra għall-11 t'April 2010.

## 6. <u>Għażla ta' Offerta – Street Cleaning Services</u>

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla għall-Kuntratt ta' *Street Cleaning Services* (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Għażla, jiġifieri li l-Kuntratt ta' *Street Cleaning Services* jingħata lil Ronald u Christopher Bezzina.

## 7. <u>Jum il-Ħamrun</u>

Il-Kunsill iddeċieda li jevalwa l-possibilita li l-persuna li tingħata Ġieħ il-Ħamrun tibda tiġi proponuta mill-Kunsilliera stess u magħżula mill-Kunsill innifsu. Ġie deċiż li nhar it-Tnejn 19 ta' April issir laqgħa informali tal-Kunsill biex tiġi evalwata din il-possibilta u jiġu proposti ismijiet ta' persuni li jistħoqqilhom Ġieħ il-Ħamrun.

Fit-8.20pm Dr P. Mifsud Bonnici ġiet skużata mill-laqgħa.

## 8. Approvazzjoni ta' Business Plan 2010 - 2012

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tal-*Business Plan* għall-perjodu 2010 sa 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament il-*Business Plan*.

## 9. Ħwejjeġ oħra ta' Natura Urġenti

*9.1 Ftuħ ta' tender 'Insurance Services'*

Is-Sindku u s-Sur A. Ellul ser jattendu għall-ftuħ tal-kaxxa tal-offerti għat-Tender '*Insurance Services'* li ser issir nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju 2010 fl-12.00pm.

Ġie deċiż li jintalab biex tiġġedded il-polza kurrenti sakemm jiġi ffirmat kuntratt ġdid.

*9.2 Telephone Box fi Triq Kanonku Bonnici*

Is-Sinjura J. Bugeja infurmat lill-Kunsill li rċiviet ilment li l-ħġieġ tat-*Telephone Box* li hemm fi Triq Kanonku Bonnici huwa mkisser. Ġie deċiż li jsir rapport lill-Kumpanija GO.

*9.3 Traffic Lights fi Triq Manuel Magri*

Is-Sinjura J. Bugeja talbet biex terġa' issir talba lill-Transport Malta biex isiru *Traffic Lights* fi Triq Manuel Magri.

*9.4 Sleeping Policeman fi Triq Joe Sciberras*

Is-Sinjura J. Bugeja nfurmat lill-Kunsill li rċeviet talbiet biex issir *Sleeping Policeman* fi Triq Joe Sciberras. Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva talbiet simili. Ġie deċiż li ssir talba lill-Transport Malta f'dan ir-rigward.

*9.5 Repainting tal-Un/Laoding Bay*

Is-Sur C. Valletta talab sabiex issir ir-*repainting* tal-*Un/Loading Bays* fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn ser jinżebgħu fil-jiem li ġejjin.

*9.6 Hawkers*

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa biex il-Kunsill jibda jiddiskuti l-problemi ta' diversi Hawkers li jkun hawn fil-Ħamrun. Ġie deċiż li din it-tema titpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

*9.7 Bankina fi Triq Villambrosa*

Is-Sur C. Valletta talab biex il-Kunsill jagħmel spezzjoni tal-bankina fi Triq Villambrosa u jsir rapport tal-*Contracts Manager* dwar il-kundizzjoni ta' l-istess bankina.

*9.8 Culverts fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva lment li l-livel ta' xi culverts fi Triq il-Kbira San Ġużepp huwa għola mil-livell tat-triq u għalhekk mhux l-ilma kollu jgħaddi minnhom. Ġie deċiż li l-*Contracts Manager* jintalab jinvestiga dan l-ilment.

*9.9 Parkeġġ abbusiv u u Storbju fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva lmenti minn residenti dwar parkeġġ abbusiv u storbju fi Triq il-Kbira San Ġużepp meta jkun hemm tombla fil-Valentine Hall. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Pulizija f'dan ir-rigward.

*9.10 Ħadid tal-Knisja*

Is-Sur C. Valletta talab lill-Kunsill biex jikkunsidra jiżbogħ il-ħadid li hemm mad-dawra taz-zuntier. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-fondi tal-Kunsill ma jistawx jintużaw għall-affarijiet li m'humiex propjeta` pubblika.

*9.11 ATM*

Is-Sur M. Caruana ssuġġerixxa li l-Kunsill javviċina lill-APS Bank biex jiġu mistoqsija jekk humiex interessati jagħmlu ATM ħdejn l-Uffiċini Amministrattivi ġodda tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat ittra lill-APS Bank f'dan ir-rigward.

*9.12 Motor Cycle Bay*

Is-Sinjura C. Borg staqsiet jekk tistax issir *Motor Cycle Bay* bejn żewg garaxxijiet fi Triq San Gejtanu. Ġie deċiż li jiġi provdut l-indirizz eżatt sabiex it-talba tiġi referuta lill-Transport Malta.

*9.13 Kaxxa Safra*

Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li rċiviet talba mingħand resident fi Triq Oscar Zammit biex isiru linji sofor bejn żewg garaxxijiet minħabba diżgwid bejn il-ġirien. Ġie deċiż li jiġi spezzjonat il-post.

*9.14 Parkeġġ Abbusiv fi Triq Atocia*

Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li rċiviet ilment dwar parkeġġ abbusiv ta' van ta' kuntrattur quddiem il-Knisja tas-Samra fi Triq Atocia. Ġie deċiż li dan ir-rapport jintbagħat lill-Pulizija.

## 10. <u>Schedule of Payments</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sad-29 ta' Mejju 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 11. Aġġornament

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA